MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2011

Numru 723/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**
**VS**
**RAYMOND FENECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Raymond Fenech ta' 46, iben Francis u Marianna nee' Bugeja mwieled tas-Sliema, fit-18 ta' Gunju 1956, residenti fl-indirizz: "Flower Lodge" Triq is-Sajf, Qormi u detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 399556(M);

Illi huwa akkuzat:

1. Talli fl-24 ta' Mejju 2002 u fil-gimghat precidenti, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew

maghmula b'rizoluzzjoni wahda; ghamel falsifikazzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda; ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halaq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess cirkustanzi, xjentement ghamel uzu minn tali atti, kitba jew skrittura. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess cirkustanzi ghamel jew ta dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 185(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess cirkustanzi xjentement ghamel uzu minn tali dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 186 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Talli fl-istess cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iffalsifikat. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 27 ta' April 2005 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni illi jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-imputat;

Rat illi l-Prosekuzzjoni baqghet inadempjenti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur, Spettur Joseph Cordina (a fol.7 et seq.) jirrizulta illi, in segwitu ta’ elezzjoni tal-*board* tad-diretturi tal-Maltacom, huwa inghata struzzjonijiet sabiex ikellem lis-segretarju tal-Maltacom, Ray Fava, ghal rigward ta’ *letters of authority* jew *proxies* ghal din l-elezzjoni li deheru li kienu doppji. Spettur Cordina xehed illi x-*share holders* tal-Maltacom jircievu bil-posta d-dar, *proxy form* ghal vot taghhom sabiex jekk iridu jivvota xi haddiehor ghan-nom taghhom. Spettur Cordina xehed illi, kemm-il darba, dan il-*proxy form* intilef, *share holder* setgha jikteb biex jinghata *proxy form* ohra. Spettur Cordina xehed illi nghata mis-sur Fava erba’ (4) *letters of authority* jew prokuri ta’ Pascal, Josephine u Godwin Ghigo u Charles Scerri li taw prokura kemm lill-imputat Raymond Fenech, kif ukoll lil Stephen Muscat (it-tnejn kandidati f’din l-elezzjoni).

Spettur Cordina xehed illi kien kellem lil familja Ghigo u rcieva informazzjoni illi kien ircieva telefonata mill-imputat, sabiex jivvota ghalih, Ghigo qallu li ma kienx interessat u meta waslu l-*proxies* id-dar, dawn tqattaw u ntremghu. Wara xi zmien, Stephen Muscat kien talabhom il-vot u l-familja Ghigo bidlu fehemthom u tawh il-vot. Pascal Ghigo kkonferma illi huwa ma ffirma ebda *proxy* favur Raymond Fenech. Bl-istess manjiera, Charles Scerri mill-Mosta, nstab illi ta *proxy* kemm favur Stephen Muscat u Raymond Fenech u nforma lill-Ispettur Cordina li huwa qatt ma ffirma *proxy* favur Raymond Fenech. Spetur Cordina xehed li ghaldaqstant kienu ccekjaw *proxy forms* ohrajn u nstabu numru ta’ *proxies* illi deheru suspettati u cioe ta’ Michael Formosa Gauci, Marco Delicata, Joseph Borg, Mary Borg u Jesmond Grech.

Illi ghaldaqstant, l-Ufficjal Prosekutur investiga lill-imputat fejn ikkonferma illi huwa kien kandidat ghall-elezzjoni tal-*board* tad-diretturi tal-Maltacom; li kellhom diversi nies jghinuh fil-kampanja elettorali u li bdew jigbru l-voti minghand *share holders* tal-Maltacom. Muri l-*proxies* suspettati, l-imputat qal li kellu diversi nies li kienu qeghdin jigbrulu dawn il-*proxies*, li dawn il-*proxies* sabhom fl-ufficju tieghu, iffirmahom u ghaddihom. Spettur Cordina xehed li l-imputat ma setghax jaghtih lista tal-*canvases* tieghu il-ghaliex kellu hafna.

L-istqarrija ta' l-imputat qed tigi ezebita bhala Dok.JC

Il-prokuri, favur il-kandidat Stephen Muscat, ta' Pascal Ghigo, Josephine Ghigo, Godwin Ghigo u Charles Scerri gew ezebiti bhala Dok.JC1, Dok.JC2, Dok.JC3, Dok.JC4 rispettivament.

Il-prokuri, favur il-kandidat Raymond Fenech, ta' Pascal Ghigo, Josephine Ghigo, Godwin Ghigo u Charles Scerri, Michael Formosa Gauci, Marco Delicata, Joseph Borg u Jesmond Grech ta' gew ezebiti bhala Dok.JC5, Dok.JC6, Dok.JC7, Dok.JC8, Dok.JC9, Dok.JC10, Dok.JC11, Dok.JC12 rispettivament.

Ic-certifikat tal-mewt ta' Joseph Borg gie ezebit u mmarkat bhala Dok.JC13.

L-ittra ta' Raymond Fava qed tigi ezebita u mmarkata bhala Dok.JC14 u Dok.JC15 hija ittra ta' Mario Delicata lil Maltacom, jinfurmaha illi tilef il-*proxy form* u qed jappunta lill-imputat bhala l-prokuratur tieghu.

Spettur Cordina ezebixxa Dok.JC16 bhala l-kitba ta' Dr. Raymond Fenech.

Raymond Fava (a fol.34) ikkonferma x-xhieda ta' l-Ispettur Cordina, is-sejba ta' prokuri doppji u ta l-procedura ta' kif wiehed jimla *proxy*, x'jigri meta din il-*proxy* tintilef, kif, b'semplici ittra, *share holder* jista' jircievi prokura ohra u r-rapport li huwa ghamel lil Pulizija. Ikkonferma l-prokuri Dok.JC1 sa Dok.JC8.

Raymond Fava kkonferma illi l-imputat kien staqsieh x'kienet il-procedura sabiex tlett (3) kandidati anzjani li tilfu l-prokura taghhom, jergghu jinghataw prokura mill-gdid. Illi fava kien spjegalu u l-imputat talbu biex jaghti dawn il-prokuri lill-impjegata tal-Maltacom, Josephine Mckay. Fava oggezzjona, izda fl-ahhar tah il-permess. Dawn il-prokuri waslu, Fava nduna illi l-persuna, fil-fatt, ma kienux anzjani, pero' xorta ghaddewhom. Sussegwentement, kandidat iehor u cioe Stephen Muscat baghtlu tlett (3) prokuri ohra u Fava nduna li kienu l-istess ismijiet ta' prokuri li kien ghaddielu l-imputat Fenech, izda l-firem tas-*share holders* kienu differenti. Illi huwa nforma lis-superjur tieghu Zarb Adami, li tah struzzjonijiet biex il-*proxies* ma jitlaqhomx minn idejh sakemm jaghmel il-konsultazzjonijiet legali li kienu necessarji. In segwitu saret laqgha amministrattiva tal-*board*, li hadu d-decizjonijiet li kienu necessarji. Fava kkonferma l-*proxies* ezebiti.

Josephine Mckay, muriha Dok.JC5 6 u 7, ikkonfermat illi dawn il-*proxies* kien urihomlha Ray Fava u gharfet lill-imputat Fenech. Ikkonfermat illi Fava qalilha li Dr. Fenech kellu jatiha xi *envelope* li kellha taddieh lilu, li din kienet ser tkun haga ta' darba biss u li l-imputat ta dan l-*envelope* fil-bieb tad-dar taghha u li dan l-*envelope*, hija ghaddietu lil Raymond Fava fil-prezenza ta' Michael Spiteri.

Michael Spiteri, *compliance officer* mal-Maltacom, ikkonferma l-*proxies* Dok.JC5 sa 7, li dawn gew mghoddija lilu mis-sur Fava, sabiex jiprocessahom u li kienu gew konsenjati minn Josephine McKay. Gie muri l-prokuri Dok.JC1, 2 u 3, li gharafhom bhala duplikati, flimkien ma' Dok.JC8 u Dok.JC4 li deheru wkoll duplikati mix-*share holder* li jaghtu simultanjament il-vot liz-zewg kandidati.

Pascal Ghigo (a fol.56) gie muri Dok.JC1, 2 u 3, ikkonferma li l-firem kienet tieghu, tal-mara u tat-tifel tieghu u li huwa kien ta l-prokura favur Stephen Muscat. Gie muri Dok.JC5 u xehed li dik il-firma ma kinitx tieghu (ara fol.58). Ikkonferma li l-ewwel *proxy* kienet taghhom,

illi kien avvicinat minn Dr. Fenech ghal vot tieghu fuq it-*telephone*, izda qatt ma ltaqa’ mieghu.

Josephine Ghigo (a fol.60) ikkonfermat li Dok.JC2 hija ffirmata bil-firma taghha izda fuq Dok.JC6 il-firma ma kinitx taghha.

Godwin Ghigo (a fol.62) gharaf il-firma tieghu fuq Dok.JC3 izda nnega li Dok.JC7 turi l-firma tieghu.

Stephen Muscat (a fol.64) ikkonferma li kien kandidat fl-elezzjoni tal-*board* tad-diretturi tal-Maltacom, gie muri Dok.JC1, 2 u 3 u kkonferma illi dawn kienu gew mghoddija lilu minn Raymond Vella (impjegat tal-Maltacom) li, *in turn,* gew mghoddija lil Vella minghand il-persuna ndikati fuq l-istess dokumenti.

Marco Delicata gie muri Dok.JC15, indika li l-firma ma kinitx tieghu u li huwa ma kienx jaf lill-imputat personalment. Huwa xehed illi kien kellem lill-imputat fuq it-*telephone* xi darbtejn u kkonferma illi, peress li huwa tilef il-*proxy form*, inkariga lill-genituri tieghu biex jiffirmaw il-*proxy form* u jibghatuha lil Raymond Fenech.

Ray Vella (a fol.75), *technician* mal-Maltacom, ikkonferma li l-kandidat Stephen Muscat kien inkarigat biex jigbor il-prokuri Dok.JC1, 2 u 3 minghand il-gara tieghu Ghigo u jghaddihomlu.

Mary Borg (a fol.78), oht Joseph Borg, ikkonfermat illi huha kellu x-*shares* tal-Maltacom. Giet murija Dok.JC11 u sabiex tistabbilixxi, jekk il-firma fuq dak id-dokumenti kienx ta’ huha, illum mejjet, Joseph Borg. Hija xehedet li dak iz-zmien huha kien marid hafna u hija ma setghatx tikkonferma b’mod konklussiv.

Jesmond Grech (a fol.88), ikkonferma li huwa ta l-*proxy* tieghu lil *salesman* Mario Pace, ghal vot ta’ l-imputat. Muri Dok.JC12, xehed li ma jidhirx li l-firma kienet tieghu. Jesmond Grech ta tlett (3) firem fil-prezenza tal-Qorti Dok.JG1, 2 u 3 u kopja tal-Karta ta’ l-Identita’ tieghu.

Michael Formosa Gauci kkonferma li kien cempillu l-imputat ghall-vot, huwa rrispondieh illi kien rema l-*proxy,* pero' tah struzzjonijiet verbali ghall-vot tieghu. Gie muri Dok.JC9 u kkonferma li l-*proxy form* ma kinitx tieghu. Michael Formosa Gauci ta tlett (3) firem tieghu Dok.FG1, 2 u 3 u kopja tal-Karta ta' l-Identita' tieghu.

Charles Scerri (a fol.110) ikkonferma li kien avvicinah Dr. Fenech ghall-vot tieghu u Scerri ried jivvota lill-imputat u tah il-vot tieghu. Wara, Scerri gie avvicinat mill-kandidat iehor u assenjah lil haddiehor. Gie muri Dok.JC8 u kkonferma li l-firma ma kinitx tieghu. Charles Scerri ta ghaxar (10) *specimen signitures* Dok.CS1 sa Dok.CS10.

L-imputat Raymond Fenech (a fol.113) ta ghaxar (10) *specimen signitures* Dok.RF1 sa Dok.RF10.

Martin Bajada gie nominat *handwriting expert* u talab li jerga' jiehu *specimen signitures* ta' Pascal, Josephine u Godwin Ghigo, u hekk sar.

Spizjar Mario Mifsud ezebixxa Dok.MM (a fol.149) fejn ikkonkluda li l-linka uzata fi tlett (3) *confirmation forms* u erba' (4) *proxy forms* kellhom similjanza kimika kbira hafna li tindika probabilita' kbira li l-linka uzata, fuq dawn il-formuli, kienet ta l-istess tip.

Martin Bajada ezebixxa r-rapport tieghu u kkonfermah bil-gurament. Ikkonferma illi l-firem fuq Dok.JC8, Dok.JC5, Dok.6, Dok.JC7, Dok.JC10 u Dok.JC15, kienu foloz, pero', l-Espert Martin Bajada ma sab ebda karatteristika (trait) tal-firma ta' Raymond Fenech li tindika li dawk il-firem, fil-fatt, saru mill-istess imputat Fenech.

Raymond Fava, riprodott, ta l-listi tal-prokuri kollha li baghatu x-*share holders* Dok.RF1 sa Dok.RF3.

P.L. Noel Scerri kkonferma li Stephen Muscat ma ghadux impjegat mal-Maltacom *group*.

Ikkonsidrat:

Mill-assiem tal-fatti migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti, ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni tiprova bhala stat ta' fatt illi kien hemm prokuri ghall-voti li kienu foloz. Illi r-relazzjoni (Dok.MM) ta' l-Ispizjar Mario Mifsud tikkonferma biss "similjanza" fil-linka li ntuzat, minghajr ma tghati l-informazzjoni ulterjuri ta', x'tip ta' inka kienet, kemm hi komuni din il-linka f'Malta, il-persentagg ta' similjanza misjuba, x'inhuma l-incidenzji ta' *false positives* u fatturi ohra li minghajrhom din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tasal ghal sejbien ta' htija.

Il-Qorti taghmel accenn ghal fatt illi l-imputat minn rajh, kien lest illi jaghti *specimen signitures*, kemm a tempo vergine, kif ukoll waqt il-proceduri quddiem din il-Qorti. L-espert tal-kaligrafija Martin Bajada, iddikjara, car u tond, illi ma sab ebda *trait*, **lanqas *trait* uniku** li kien jixbah lil firma ta' l-imputat, mill-firem kollha li huwa ezamina fir-rapport tieghu (Dok.MB).

Illi ghaldaqstant il-Qorti ma tista ssib htija f'ebda wahda mill-akkuza ta' falsifikazzjoni migjuba kontra l-imputat, wisq anqas ta' akkuzi ta' uzu malin ta' dokumenti falsifikati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat **Raymond Fenech** mhux hati skond l-akkuzi u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------